**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1060/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 617/2015 fl-ismijiet:**

**Daniel Coppini**

**vs.**

**Mario Calleja u Mary Scicluna**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors ta' Mario Calleja ppreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li wasal fis-sigrieta tagħha fit-28 ta' Ottubru 2021.

Rat id-Digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tiegħu bi żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tiġi

ppreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha flimkien mad-dokumenti kollha.

Rat ir-Risposta ta' Daniel Coppini ppreżentata fil-11 ta' Novembru 2021 u li waslet fis-sigrieta tagħha fil-15 ta' Novembru 2021.

Rat illi kemm fir-Rikors promutur u kif ukoll fir-Risposta ssir rifernza għall-fatt li kontestwalment mal-Mandat ta' Sekwestru *de quo* ġiet ippreżentata kawża bin-Numru 1142/11 JPG liema kawża jingħad li ġiet deċiża fit-8 ta' Novembru 2017 u li hija soġġetta kemm għal appell u kif ukoll għal appell inċidentali.

Rat illi minn verifika li saret ġie aċċertat li quddiem il-Qorti tal-Appell hemm effettivament pendenti proċeduri fl-ismijiet **Daniel Coppini vs. Mario Calleja** (1142/2011/1).

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar 2021 fl-ismijiet **Vladyslava Kravchenko et vs. Kevin Micallef et**, il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara fejn għandu jsiru r-Rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u r-Rikors għat-tneħħija tal-mandat kawtelatorju, meta l-kawża prinċipali bejn il-partijiet tkun pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Filwaqt li Rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju għandu jsir quddiem il-Qorti tal-ewwel stadju għaliex il-liġi mkien ma tgħid li l-Qorti tal-Appell tista' toħroġ mandati kawtelatorji, Rikors għat-tneħħija tal-mandat kawtelatorju għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell għaliex skont Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, rikors bħal dan għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell bħala l-Qorti li tkun qiegħda titratta l-kawża.

Illi r-Rikors li għandha quddiemha l-Qorti jirrigwarda talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju li sar meta l-kawża tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan ifisser li suppost r-Rikors odjern ma sarx quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iżda kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell.

Illi f'digriet li ngħata in segwitu ta' Rikors ippreżentat **Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 625/2019 fl-ismijiet Joseph**

**Borg et vs. Dr. Mark Mifsud Cutajar et** saret riferenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Tereza Vella pro et noe vs. David Vella** fejn ingħad hekk:

> "Darba li hemm appell pendenti, u dan il-fatt m'huwiex in kontestazzjoni, allura l-Qorti li fil-preżent qiegħda tieħu konjizzjoni tal-każ hija din il-Qorti, u li wieħed jippretendi xort'oħra u jsostni li t-trattazzjoni ta' din it-talba għandha tinstema' mill-ewwel Qorti jammonta għal spropożitu legali."

Illi jsegwi li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa skont l-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi tiddeċiedi r-Rikors odjern ġialadarba l-proċeduri prinċipali bejn il-partijiet f'dan il-każ jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors promutur għaliex skont Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kellux jitressaq quddiemha, bi tħaddim tal-*proviso* ta' Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-atti tal-proċeduri odjerni jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Appell għal kwalunkwe provvediment li jidhrilha għandha tieħu.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**